Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10108 — S&P Global/IHS Markit)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 367/07)

1. Fit-3 ta' Settembru 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— S&P Global, Inc. ("S&P", l-Istati Uniti tal-Amerka),

— IHS Markit ("IHSM", ir-Renju Unit).

S&P takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament tal-Għaqdiet, il-kontroll ta' IHSM kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— S&P, kumpanija tal-Istati Uniti tal-Amerka bil-kwartieri ġenerali fi New York, hija fornitur ta' klassifikazzjonijiet tal-kreditu, valutazzjonijiet / parametri referenzjarji tal-prezzijiet, indiċijiet finanzjarji, analitika, u *data* għas-swieq tal-kapital u tal-komoditajiet madwar id-dinja.

— IHSM, kumpanija Bermuda bil-kwartieri ġenerali tagħha f'Londra, hija fornitur internazzjonali ta' informazzjoni (inklużi indiċijiet finanzjarji, *data* oħra relatata mal-finanzi u mat-trasport u valutazzjonijiet / punti ta' riferiment tal-prezzijiet tal-komoditajiet), analitika u soluzzjonijiet għall-klijenti fin-negozju, il-finanzi u l-gvern globalment.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja trid tiġi dejjem indikata:

M.10108 – S&P Global/IHS Markit

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").